

# Parroċċa San Lawrenz

## Il-Ħadd huwa l-ħajja tan-nisrani!



*tel. 21556073-21550816; mob. 99832376; email. slawrenzparish@onvol.net*

## Inkomplu bil-Ferħ tal-Milied

Issa li ċċelebrajna l-festa tat-twelid tiegħU, u nhar is-Sibt l-1 ta' Jannar iċċelebrajna wkoll l-festa tal-Omm ta' Alla, l-aktar festa antika lill-Madonna li għandha l-Knisja. F'dan il-jum tal-ewwel ta' Jannar iċċelebrajna wkoll jum il-paċi kif ukoll l-bidu tas-sena l-ġdida. Ħafna drabi, fil-bidu tas-sena, nagħmlu ħafna proponimenti iżda maż-żmien nindunaw li ftit li xejn żammejnihom. Għalhekk aktar milli wieħed jagħmel il-proponimenti, huwa iktar importanti li npoġġu s-sena taħt il-protezzjoni tal-Omm t'Alla u nitolbu lil Binha Ġesù sabiex inkunu kapaċi nagħmlu r-rieda ta' Missieru.

***Minn qalbi f'isem il-presbiterju parrokkjali u l-kunsill pastorali nixtieqilkom sena mimlija b'kull barka u grazzja tas-sema.***

Illum il-Ħadd, il-Knisja qed tiċċelebra s-solennità tal-Epifanija, taż-Żjara tas-Slaten Maġi lil Ġesù tarbija, wara li nhar il-Milied, f'jum it-twelid tiegħU, marru jżuruh ir-rgħajja wara l-aħbar li ngħatatilhom mill-anġlu: *Illum tweldilkom Salvatur li hu Kristu l-Mulej.* Illum il-Liturġija tgħidilna: *Il-ġnus kollha tal-art jagħtuk qima Mulej.* F'kelma waħda, il-Knisja trid tgħidilna li s-salvazzjoni permezz ta' Kristu mhix biss għal-Lhud, iżda għall-ġnus kollha tal-art.



Il-Maġi jistednuna sabiex nagħmlu tagħna l-istil tal-ħajja tagħhom. Il-maġi kienu nies li jsaqsu u jfittxu. Kienu nies umli, kurjużi, jimxu, ġenerużi u fuq kollox kellhom il-paċi tal-qalb għax Ġesù kien il-veru teżor tagħhom.

## L-Ikla tal-Ħbieb

Ngħid grazzi u prosit lil dawk kollha li ħadu ħsieb l-ikel u l-organizzazzjoni tal-ikla, kif ukoll lil dawk kollha li attendew għaliha. Kienet lejla tassew sabiħa li tkompli tibnina bħala komunità.

## Festa tas-Santa Infanzja

It-Tnejn 3 ta' Jannar, it-tfal u l-adolexxenti kollha flimkien mal-katekisti u l-ġenituri huma mistiedna li jkunu l-Knisja fis-6.00pm. Issir il-purċissjoni b'Ġesù Bambin u l-quddiesa li fiha t-tfal huma mitluba jagħmlu l-offerta għat-tfal tal-Missjoni.

## Gruppi tal-*Lectio Divina*

Nhar it-Tlieta 4 ta' Jannar, fis-7.15pm, iż-żewġ gruppi tal-Lectio Divina ser ikollhom quddiesa fil-Knisja fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied. Wara jkun hemm *agapé* fis-sagristija. Inħeġġukom ħafna sabiex tattendu.

## Il-Jiem Għeżież tal-Kwaranturi

Nhar il-Ġimgħa 7, 8, 9 ta' Jannar huma jiem għeżież tal-kwaranturi. Appell lil kulħadd biex nattendu bi ħġarna għall-quddiesa tas-6.30pm, kif ukoll għal xi ħin ta' adorazzjoni. Ejjew inpoġġu din is-sena l-ġdida taħt il-ħarsien ta' Ġesù Ewkaristija. Is-Sibt jibda lejl ta' adorazzjoni fit-8.00pm sal-5.30am tal-Ħadd... ma nħallux lil Ġesù waħdu. Se ssir lista tal-ħinijiet biex tikbu isimkom f'liema ħin tal-lejl ġejjin taduraw lil Ġesù. Appell liż-żgħażagħ u lill-adolexxenti biex jattendu għall-mument ta' adorazzjoni għalihom. It-tfal tad-duttrina jattendu flimkien mal-ġenituri għas-siegħa tal-paġġi l-Ħadd 9 ta' Jannar fid-8.45am. Appell lill-komunità lawrenzjana kollha biex tattendi għall-konċelebrazzjoni tal-għeluq tal-kwaranturi u tal-festi tal-Milied nhar il-Ħadd fit-3.30pm u wara għall-purċissjoni. Inżejnu t-toroq mnejn tgħaddi l-purċissjoni. Ma nħallux karozzi pparkjati b'rispett lejn Ġesù Ewkaristija.

Il-ġirandola li jitpoġġa Ġesù Ewkaristija ġiet restawrata u se titbierek fl-ewwel jum tal-kwaranturi. Il-benefattur ta' din l-opra kien il-mibki Mons. Ġużepp Piscopo. Hi ħaġa xierqa li l-ewwel jum tal-kwaranturi l-quddiesa ta' filgħaxija tkun għal ruħu.

## ☧ Matul din il-Ġimgħa nitolbu:

**It-Tnejn 3 ta' Jannar**
Għall-erwieħ tal-fam. Pawlu u Marija Galea
Għall-erwieħ tal-fam. Pawlu u Marija Galea
Għal ruħ Lina Cauchi

**It-Tlieta 4 ta' Jannar**
Għal ruħ Salvu, Carmela u Joe Grima (L 113)
Għal ruħ Luigi u Anna Farrugia
Għal ruħ Frenċ u Katrina Cauchi

**L-Erbgħa 5 ta' Jannar**
Għal ruħ Ġużepp Mizzi
Għal ruħ Salvu, Carmela u Joe Grima (L 113)
Għal ruħ Ġuljana Grima

**Il-Ħamis 6 ta' Jannar**
Għal ruħ Salvu, Carmela u Joe Grima (L 113)
Għal ruħ Joe Cauchi
Erwieħ Mons.Ġużepp, M'Anġ, Carmela Piscopo

**Il-Ġimgħa 7 ta' Jannar**
Għal ruħ Frances Buhagiar
Għal ruħ Molly Agius
L-1 JUM TAL-KWARANTURI
GĦAL RUĦ MONS. ĠUŻEPP PISCOPO

**Is-Sibt 8 ta' Jannar**
Għall-erwieħ tal-fam. Pawlu u Marija Galea
Erwieħ Mons.Ġużepp, M'Anġ, Carmela Piscopo
IT-2 JUM TAL-KWARNATURI
GĦAL RUĦ ANNUNZIATA MICALLEF